MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 2452/1998/1

**Emmanuel Ellul**

**v.**

**Christian Bonello**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li taqra hekk:
“Peress illi l-attur hu kreditur tal-konvenut fis-somma ta’ elf u hames mitt lira maltin (Lm1500) import ta’ kambjala regolarment skaduta u dovuta, li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok A, liema kambjala baqghet ma thallsitx;

“Peress illi l-konvenut, ghalkemm gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas u minkejja diversi promessi, baqa’ inadempjenti;

“Peress illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organsizazzjoni u Procedura Civili, stante li dan id-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-attur, il-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni wahda x’jaghti kontra l-hlas tal-imsemmi ammont;

“Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

“Tikkundannah ihallas lill-attur s-somma ta’ elf u hames mitt lira maltin (Lm1500) import ta’ kambjala skaduta u dovuta kif fuq premess, u dana bid dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-23 ta’ Marzu 1997 u tal-ittra ufficjali 4 ta’ Mejju 1998 u bl-interessi legali mid-data tal-iskadenza tal-kambjala relattiva sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat id-digriet moghti mill-ewwel Qorti fl-14 ta’ Jannar 1999, li in forza tieghu l-konvenut inghata 20 jum biex jipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:
“1. Illi l-proceduri odjerni huma nulli stante li qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri l-attur kellu jhallas l-ispejjez tal-kawza fl-ismijiet **Emanuel Ellul vs Chrisitan Bonello** (Citazzjoni numru 857/98 FGC) li titratta dwar liema proceduri l-attur irrinunzja. Fil-fatt, l-attur naqas milli jaghmel dan il-hlas;

“2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kambjala datata 30 ta’ Lulju 1996 u a bazi ta’ liema qeghda ssir l-

azzjoni odjerna da parti ta’ l-attur hija nulla stante li l-istess giet iffirmata minnu wara d-data tal-hrug;

“3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-eccipjent kien hallas kwalsiasi flejjes li setghu kienu dovuti lill-attur u llum m’huwiex debitur tieghu;

“Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.”

Rat il-verbal tal-11 ta’ Ottubru 1999, minn fejn jirrizulta li l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fit-8 ta’ Ottubru 2004, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:
“tiddikjara li l-kambjala in kwestjoni ghandha titqies li hi nulla peress li fil-hin tal-emissjoni taghha ma gietx debitament iffirmata mit-traent cioe` mill-attur u b'hekk tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u konsegwentement tichad it-talbiet kollha attrici;

“Spejjez kollha kontra l-attur.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Din hi azzjoni kambjarja fejn l-attur qed jippretendi li hu kreditur tal-konvenut fis-somma ta’ elf u hames mitt lira maltin (Lm1500) import ta’ kambjala regolarment skaduta u dovuta u li pero` baqghet ma thallsitx. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut giet irtirata. Fit-tieni lok il-konvenut qed jeccepixxi li l-kambjala in kwestjoni hi nulla stante li l-attur iffirma l-istess kambjala ferm wara d-data tal-hrug taghha. Bil-presenti qed tigi deciza din it-tieni eccezzjoni tal-konvenut;

“Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu l-attur jghamel referenza ghall-artikolu 123 tal-Kapitolu 13 fejn hemm elenkati l-elementi formali rikjesti mill-ligi ghall-validita tal-klambjala. L-attur jissottometti li dan l-artikolu ghandu jinghata interpretazzjoni restrittiva. Wiehed mir-rekwisiti ad validitatem hu l-firma ta’ dak li johrog il-kambjala (id-

drawer jew ‘traent’). Skond l-attur dan ir-rekwizit jesisti biss, pero`, f’kaz fejn it-traent ikun xi hadd divers mill-kreditur. Dan mhux il-kaz hawnhekk u ghalhekk il-kambjala in kwestjoni ma tistax titqies li hi nulla. Skond l-attur il-firma tal-kreditur fuq il-kambjala, fil-hin illi din tigi accettata u ffirmata min minn ghandu jhallas mhux essenzjali. L-attur ikompli jissottometti li, fi kwalunkwe kas, sussegwentement l-attur iffirma l-kambjala u ghalhekk fil-forma presenti taghha l-kambjala hija valida ghal kull fini u effett tal-ligi. Hu rrilevanti l-fatt li l-kambjala giet iffirmata mill-attur wara l-accettazzjoni tal-konvenut;

“Fin-nota ta’sottomissjonijiet tieghu l-konvenut isostni li skond l-imsemmi artikolu 123 wiehed mill-elementi ghall-validita’ formali tal-kambjala hija l-firma tat-traent (drawer) cioe` ta’ min hareg il-kambjala. La darba li l-kambjala ma gietx iffirmata mit-traent fil-hin tal-hrug taghna, konsegwentement tali kambjali mhux valida;

“Mill-imsemmi verbal tas-seduta tal-10 ta’ Jannar 2000 ghandu jittiehed li hu pruvat li meta l-kambjala in kwestjoni giet accettata u iffirmata mill-konvenut, l-attur kien ghadu ma ffirmahix u in effett iffirmha ferm wara;

“Kif gia` gie rilevat hawn si tratta ta' azzjoni kambjarja. Skond il-ligi hu essenzjali li kambjala trid tkun iffirmata 'ad validitatem' mit-traent. Jidher li l-parijiet mhux qed jaqblu ghal kollox minn huwa t-"traent". Fil-kawza fl-ismijiet "Edward Vincenti Kind vs Carmelo Abdilla et" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Ottubru 1954 (Vol.XXXVIII. III.675) giet ttrattata t-terminologia li tintuza fil-ligi ghar-rigward tal-kambjali;

“It-traent, jew emittent, hu dak li johrog il-kambjala. Fil-kaz in esami t-traent hu l-attur li hareg jew emetta l-kambjala li giet iffirmata mill-konvenut li da parti tieghu obbliga ruhu li jhallas l-ammont indikat fuq l-istess kambjali. Fil-kambjala in kwestjoni min ghandu jircievi l-hlas hu l-istess persuna li harget il-kambjala, cioe l-attur. In effett dan hu permissibbli skond il-ligi, b'mod partikolai ai termini tal-provedimenti tal-artikolu 127 tal-Kodici Kummercjali;

“L-artikolu 123 tal-Kodici Kummercjali jelenka l-elementi essenzjali li ghandu jkun fiha l-kambjala fosthom li trid tkun "iffirmata minn min jigbidha" u cioe "ad validitatem" il-kambjala trid tkun iffrimata mit-traent, f'dan il-kaz l-attur. Fil-kawza fl-ismijiet "Walter Zammit vs Pio Callus" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru 1981 gie ritenut li kambjala li mhux iffirmata mit-traent ghandha tigi kkunsidrata bhala nulla. Hekk ukoll gie deciz f'diversi kawzi ohrajn, fosthom "Antonio Mifsud et vs Dr. Carmelo Mifsud Bonnici et nomine" (Qorti tal-Kummerc - 29 ta' Novembru 1974), "Alfred Calascione nomine vs Dr. Carmelo Mifsud Bonnici et nomine" (Qorti tal-Kummerc - 29 ta' Novembru 1974) u "Henry A. Pace vs Joseph Azzopardi (Prim Awla tal-Qorti Civili - 13 ta' Ottubru 1964 - Vol. XLVIII.II.1206). Fid-dawl ta' dan kollu il-kambjala in kwestjoni ghandha tigi ritenuta li hi nulla stante li fil-hin tal-emissjoni taghha ma kinitx iffirmata mit-traent cioe mill-attur;

“In vista ukoll li hawn si tratta ta' azzjoni kambjarja, it-tieni eccezzjoni tal-konvenut li l-kambjala in kwestjoni mhux valida ghandha tigi akkolta u konsegwentement it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu rigettati.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-attur;

Rat ir-risposta tal-konvenut;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi f’din il-kawza l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ Lm1,500 import ta’ kambjala regolarment skaduta u dovuta, li, pero`, baqghet ma thallsitx. Fit-tieni eccezzjoni tieghu, il-konvenut eccepixxa n-nullita` tal-kambjala peress li din ma gietx iffirmata mill-attur/kreditur fid-data tal-hrug taghha. Fil-fatt, il-partijiet qablu li meta l-kambjala in kwistjoni giet iffirmata mill-konvenut, l-attur kien ghadu ma ffirmax l-istess kambjala, u, in effett, iffirmaha ferm

wara, cioe`, fil-mori ta' kawza ohra bejn l-istess partijiet, citazzjoni numru 857/98 (ara verbal tas-seduta tal-10 ta' Jannar, 2000). L-ewwel Qorti kienet laqghet din l-eccezzjoni, u ddikjarat il-kambjala nulla stante li fil-hin ta' l-emissjoni taghha ma kenitx iffirmata mit-traent, cioe`, mill-attur.

L-attur ressaq appell kontra dik id-decizjoni bl-aggravju jkun illi la darba hu ffirma l-kambjala qabel il-prezentata ta' <u>din</u> il-kawza, l-istess kambjala ma ghandhiex titqies nulla.

Il-Qorti tinnota li punt simili gia` gie trattat u deciz minn din il-Qorti (diversament komposta) fil-kawza **John Giordimaina et v. Joseph Pace et**, deciza fis-7 ta' Lulju, 2006. Dan il-punt gie diskuss fil-paragrafu 8.6 u 8.7 tas-sentenza, u din il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:
"8.6. It-traent, jew emittent, huwa dak li johrog l-kambjala. Fil-kaz in ezami <u>kuntrarjament</u> ghal dak li qalet il-Qorti ta' l-ewwel grad, it-traent huwa l-kreditur, l-attur John Giordmaina kif jidher mill-isem li huwa stampat in kalce tad-dikjarazzjoni kambjarja – in fatti huwa proprju f'dan il-post li normalment jiffirma it-traent (ghalkemm gie accettat mid-duttrina u l-gurisprudenza li jekk il-firma tat-traent titqieghed f'post iehor fid-dokument tkun valida jekk jirrizulta minghajr ambigwita` min hu t-traent – **E. Vincenti Kind v. Abdilla** Prim Awla 5 ta' Ottubru 1964).

"Dejjem fil-kambjala *de quo*, min ghandu jircievi l-hlas (il-prenditur) hu l-istess persuna li harget il-kambjala ossija John Giordmaina. Kif diga` gie rilevat dan hu permissibbli ai termini ta' l-Artikolu 127 tal-Kodici Kummercjali. F'kelma wahda, huma korretti l-appellanti meta jillanjaw illi sad-data ta' l-iskadenza, u sahansitra sad-data tal-prezentata tal-kawza, il-kambjala ma kenitx iffirmata mit-traent, u kienet ghalhekk nieqsa minn rekwizit essenzjali ghall-validita` taghha li kien anke jwassal ghan-nullita` ta' l-istess kambjala u ghac-cahda tat-talba attrici, stante li l-atturi qed jibbazaw it-talba taghhom fuq il-kambjala. Izda l-atturi fil-mori tal-proceduri quddiem il-Prim Awla, wara li talbu u ottjenew il-permess tal-Qorti, irtiraw il-kambjala ffirmawha u regghu pprezentawha fl-atti. Din il-Qorti ma

tara xejn irregolari li l-kambjala giet kompletata fil-kors tal-kawza u li ghalhekk giet sanata n-nullita` ta' l-istess. Dan anke jekk hija konsapevoli li kien hemm xi decizjonijiet ta' dawn il-Qrati fejn il-kambjala xorta wahda giet iddikjarata nulla. Fis-sentenza fl-ismijiet **Pheonix Domestic Appliances Ltd v. Joseph Vassallo**[1], kambjali li sal-prezentata tac-citazzjoni ma kienux iffirmati mit-traent u li gew iffirmati sussegwentement fil-mori tal-proceduri gudizzjarji gew dikjarati nulli u bla effett "stante li fil-hin tal-prezentata tac-citazzjoni dawn ma kienux ffirmati mit-traent." Din il-Qorti hija tal-konvinzjoni illi ghall-kaz odjern tapplika d-duttrina ta' l-*ius superveniens,* u ghalhekk f'dan ir-rigward tikkondividi l-fehma tal-Qorti tal-Prim Istanza u ta' dak li ntqal fid-decizjoni fl-ismijiet **Medairco Ltd v. Ack Limited et**[2] li kienet giet ikkonfermata minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-27 ta' Mejju 2005. Fid-decizjoni taghha l-Prim Awla kienet spjegat illi nonostante dak li ntqal fid-decizjoni **Showrey noe v. Cutajar**[3] deciza fis-26 ta' Marzu 1935 li d-dottrina ta' l-*ius superveniens* "…applies when the legal undertaking was held in abeyance by a period which falls due during the course of the proceedings, and not when its validity was conditional and dependant on the fulfillment of a condition which was ignored."

Kompliet tghid:

"F'sentenzi eqreb ghaz-zmien tal-lum, izda, dawn il-Qrati taw il-beneficcju ta' l-*ius superveniens* mhux biss meta kien ghadu ma ghaddiex iz-zmien izda wkoll f'kazijiet fejn kienet nieqsa kondizzjoni essenzjali meta nfethet il-kawza, u din il-kondizzjoni sehhet waqt li l-kawza kienet miexja, ukoll meta din il-kondizzjoni kienet tehtieg li ssir xi haga minn terzi."

"Din il-Qorti f'dan ir-rigward tirreferi ghad-decizjoni recensjuri taghha fil-kawza fl-ismijiet **C. Apap Bologna et v. Demoncada Ltd et**[4]. Hemmhekk din il-Qorti, kif

[1] deciza 20 ta' April 2001 – Prim Awla
[2] deciza 5 ta' Frar 1999 – Prim Awla
[3] Vol XXIX.II.405
[4] deciza 28 ta' April 2006

presjeduta, addottat dak li kien intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Guido Laferla noe v. Dr. Vincent Falzon et** deciza fit-23 ta’ Novembru 1984 u qalet li –

““Huwa principju assodat fil-gurisprudenza taghna (Qorti ta’ l-appell, **Vella v. Galea**, Kollezzjoni Decizjonijiet Vol XXXIII-I-254 u Qorti ta’ l-Appell, **Cini v. Galea**, Vol XLII-I-532) illi “jus superveniens firmat actionem et exceptionem”. Ghalhekk, skond l-istess gurisprudenza, jekk waqt il-kawza jkun intervjena dak id-dritt, l-azzjoni li qabel tkun difettuza tigi msahha. Il-fondament ta’ dan huwa precizament l-ekonomija tal-gudizzju u ta’ l-ispejjez. Huwa evidenti ghalhekk li l-kazijiet fejn l-obbligazzjoni li tkun il-bazi ta’ l-azzjoni tkun sospiza b’kondizzjoni jew terminu u din il-kondizzjoni tavvera ruhha jew it-terminu jaghlaq waqt il-kawza mhumiex, kif qeghdin jippretendu l-konvenuti, l-unici kazijiet fejn tigi applikata l-imsemmija duttrina. Dawn il-kazijiet, kif osservat il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Cini v. Galea** gia` citata huma biss kazijiet tipici imma ma humiex tassattivi b’mod assolut. U fil-fatt, tkompli tghid il-Qorti ta’ l-Appell fl-istess kawza, id-duttrina giet applikata mill-Qrati taghna anke meta d-difett inizjali gie sanat bis-sopravenjenza tad-dritt wara l-eccezzjoni, sahansitra meta l-kawza kienet fl-istadju ta’ l-appell.”

“8.7. Fid-dawl ta’ din il-gurisprudenza, jirrizulta li d-difett li kellha l-kambjala in kwestjoni gie sanat bil-principju ta’ l-*ius superveniens* meta t-traent John Giordmaina iffirmaha fil-mori tal-proceduri u ghalhekk il-lanjanza ta’ l-appellanti hija infondata.”

Dan it-taghlim jghodd ukoll ghal din il-kawza u ladarba d-“difett” li kellha l-kambjala in kwistjoni gie sanat bil-principju ta’ *ius superveniens*, l-aggravju ta’ l-appellant jimmerita li jkun akkolt.

Peress li l-provi u d-decizjoni tal-Qorti kienu limitati ghat-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenut (ara verbal tas-seduta tal-11 ta’ Ottubru 1999), wara li din l-eccezzjoni tigi michuda, l-atti sejrin jigu rimessi lill-ewwel Qorti biex din tiddeciedi l-

kawza fid-dawl tat-tielet (u l-ahhar) eccezzjoni tal-konvenut.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost billi tilqa' l-istess appell, u tirrevoka s-sentenza appellata tat-8 ta' Ottubru 2004, bl-ispejjez taz-zewg istanzi fic-cirkostanzi jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghat-trattazzjoni u decizjoni tal-kawza fid-dawl tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------